**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 375/2014/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Nathan Agius**

Illum 20 ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Nathan Agius**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 184794(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-2 ta' Marzu 2014 u fit-tliet snin ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31

tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati), liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

2. kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-1 ta' Lulju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-liġi, filwaqt li ma sabitx lill-imputati ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni, sabitu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u kkundannatu sena priġunerija u multa ta' elf Euro (€1,000) li b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta setgħet titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50) fix-xahar u f'każ li l-ħlas ikun ħa jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar minn dakinhar li ngħatat is-sentenza, b'dan illi jekk l-imputat kien ser jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont

il-liġi. Finalment, il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li kellu jirrediġi Proċess Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument kellu jiġi nserit fl-atti tal-kawża sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-18 ta' Lulju 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn l-Ewwel Qorti ma sabitx ħtija tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u illiberatu minnhom, tħassarha u tirrevokaha fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontrih, u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħha u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena jew alternattivament, sussidjarjament tirriforma s-sentenza appellata inkwantu għal piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2023 (*a fol.* 171 *et seq.*) din il-Qorti laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat in-Noti ppreżentati mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fis-26 ta' Settembru 2024 (*a fol.* 187), fl-14 ta' Ottubru 2024 (*a fol.* 188), fit-13 ta' Jannar 2025 (*a fol.* 190) u fl-14 ta' Jannar 2025 (*a fol.* 192) fejn il-Bord informa lil din il-Qorti li kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-appellant u fejn għalaq il-każ tiegħu b'suċċess.

Rat in-Nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ppreżentata fl-20 ta' Jannar 2025 (*a fol.* 193) fejn fiha l-Qorti ġiet

infurmata li minn riċerka li saret ma rriżultax li l-appellant kellu kawżi oħra pendenti quddiem il-Qorti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-1 ta' Lulju 2022. Fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fejn sabitu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minflok tilliberah minnha jew alternattivament sabiex tagħti piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi din il-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għall-fatti li jirriżultaw fl-atti proċesswali. Dan il-każ idur madwar sejba ta' droga fuq il-persuna tal-appellant b'dana illi fit-2 ta' Marzu 2014 għal xi 8.00pm l-appellant kien wasal f'Paceville bl-intenzjoni li jmur f'wieħed mill-postijiet ta' divertiment u meta kien għadu fil-parkeġġ ġie mwaqqaf mill-Pulizija. Minn tfittxija li saret fuq l-appellant instab li fuqu kellu erbgħa u għoxrin (24) pillola blu li kienet suspettata li kienet *ecstasy*. L-appellant dejjem qal li dawn kienu għall-użu esklussiv tiegħu.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Diċembru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Aquilina** (Numru 433/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "5. Għalhekk bħala regola[1] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu nġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[2]"

Illi din l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u dana minħabba li hija ma setgħet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinċiment morali tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u dan għaliex, skont hu, il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu jaqgħu l-bogħod mill-

[1] "u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali *entro* l-parametri ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża."
[2] "U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali."

grad rikjest mil-liġi. Huwa jaqsam dan l-aggravju f'numru ta' sub-titoli li ser jiġu sottolineati hawn taħt.

Prinċipji Ġenerali:

Illi l-appellant jargumenta li huwa ma għandu l-ebda obbligu jipprova xejn waqt li huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha. Ikompli li l-livell li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni huwa livell oltre kull dubju dettat mir-raġuni u fil-każ li jkun hemm xi dubju raġonevoli, il-Prosekuzzjoni ma tkunx ppruvat il-każ tagħha. Dwar dawn il-prinċipji ġenerali din il-Qorti tinnota li ma għandha xi tgħid u dan apparti li tikkonferma dak appena msemmi.

Nuqqas ta' provi sal-grad rikjest mil-liġi:

Illi hawnhekk l-appellant jargumenta li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi inekwivoċi u konklussivi illi l-pussess ma kienx għal użu esklussiv u l-ammont ta' pilloli flimkien mal-ispjega tiegħu jindika li d-droga misjuba kienet għall-użu personali tiegħu u mhux biex ikun hemm spaċċ. Jispjega li l-uniċi żewġ xiehda li setgħu tefgħu dawl fuq il-każ kienu PC 1295 Dillon Abela li għamel it-tfittxija fuqu u l-iSpiżjar Godwin Sammut u jisħaq li meta huwa ħa l-pedana tax-xiehda huwa ta l-verżjoni tiegħu fejn spjega għalfejn huwa kellu dak in-numru ta' pilloli.

Illi l-appellant jikkritika l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-kwantita ta' droga li kellu fuqu u kemm kellu idum jiddeverti sabiex jeħodha kollha. Ikompli li l-analiżi li għamlet l-Ewwel Qorti kienet ukoll żbaljata minħabba li naqset milli tikkunsidra li meta wieħed jabbuża mid-droga l-konsiderazzjonijiet li jkun qed jagħmel ma jirrispekjax għaqal. L-appellant jargumenta li sabiex jiġi ppruvat ir-reat in disamina, il-Qorti trid, wara li tagħmel apprezzament approfondit tal-provi, tasal għal konklużjoni li kien hemm intenzjoni diretta ta' spaċċ. Jispjega li l-intenzjoni ta' spaċċ trid tirriżulta b'mod konkret u inekwivoku u mhux sempliċement frott ta' konġetturi u suppożizjonijiet. Jgħid li għalkemm l-ammont ta' droga li nstab fuqu ma kienx żgħir, din lanqas hija f'ammonti li allura teżorbita mill-kuntest ta' użu personali tenut kont li huwa kien jabbuża

mid-droga. Ikompli li allura sabiex tiġi ppruvata l-intenzjoni ta' spaċċ jeħtieġ li ċ-ċirkostanzi jindikaw l-intenzjoni tiegħu li ma jużax id-droga in kwistjoni għall-użu esklussiv tiegħu.

Illi l-appellant jirrileva li l-ammont ta' droga li nstabet fuqu hija kompatibbli ma' pussess għal użu personali. Ikompli li l-Ewwel Qorti lanqas ikkunsidrat il-fatt li l-pilloli lanqas ma kienu mqassma b'mod partikolari u kienu kollha f'kontenitur wieħed. Jargumenta li mill-provi prodotti ma ġiex ippruvat li tali droga kienet intiża għall-ispaċċ u jgħid li l-Pulizija lanqas elevaw iċ-ċellulari tiegħu u lanqas biss talbu sabiex jagħmlu analiżi tal-kontenut. Inoltre jispjega li lanqas biss saret tfittxija ġewwa d-dar tiegħu jew ġewwa xi vettura li tappartjeni lilu u ma nstabet l-ebda prova ċirkostanzjali oħra li turi li tali droga kienet sejra tiġi traffikata.

Illi fir-rigward tal-argumenti msemmija mill-appellant u li ġew imsemmija hawn fuq, din il-Qorti tinnota li fl-ewwel imputazzjoni l-appellant ġie b'pussess aggravat ta' *ecstasy*. Tabilħaqq il-fatti tal-każ huma ferm sempliċi b'dana illi l-appellant nstabu fuqu l-pilloli in kwistjoni li jfisser li ma hemmx dubbju li huwa kellu fil-pussess tiegħu tali droga. Dan huwa wkoll rifless fix-xiehda mogħtija mill-istess appellant meta huwa xehed quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2019 (*a fol.* 46 *et seq.*).

Illi l-ispjegazzjoni tal-appellant hija kostanti u ċioè li dawk il-pilloli kienu għal użu esklussiv tiegħu. Jispjega li huwa kien jieħu tnejn fis-siegħa minħabba li ma kienux qawwijin. Dwar dan din il-Qorti wieżnet dak li jgħid l-appellant b'mod partikolari l-fatt li hu jgħid li kien jikkonsma żewġ pilloli fis-siegħa u mingħajr tlaqlieq tgħid li ma temmnux. Għalhekk kienet korretta l-Ewwel Qorti meta fis-sentenza tagħha qalet hekk (*a fol.* 101):

> "Jingħad mal-ewwel li l-ammont t'erbgħa u għoxrin pillola misjuba fil-pussess ta' imputat mhux fir-residenza tiegħu iżda ġewwa *carpark* f'Paceville (meqjus bħala ċentru ta' divertiment għaż-żgħażagħ) huwa indikattiv ta' pussess mhux għall-użu esklussiv tal-imputat.

> Fix-xhieda tiegħu l-imputat ipprova jispjega kif dan l-ammont sostanzjali kien intiż unikament għall-użu tiegħu (tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-lok li nstabu fihom). Madanakollu din il-Qorti tqis li l-verżjoni li ta l-imputat ma għandhiex mis-sewwa u ma hijiex verosimili. Dan l-għaliex l-ammont ta' erbgħa u għoxrin pillola huwa tant kunsiderevoli li huwa impossibli għal persuna li tikkonsmahom kollha f'serata waħda ta' divertiment.
>
> Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu kemm hu aggressiv l-użu minn sustanzi illeċiti, ma hijiex verosimili u di piu' hija impossibli li persuna tikkonsma żewġt pilloli fis-siegħa għal tnax-il siegħa konsekuttivi hekk kif iddikjara l-imputat. Li kieku dak spjegat mill-imputat hu minnu, dan ifisser li huwa kien ser jagħmel jiddeverti tnax-il siegħa sħaħ waqt li jikkonsma żewġt pilloli kull siegħa! Dan huwa impossibli anke mingħajr ma persuna jkollha konsegwenzi serji ta' saħħa!"

Illi meta jiġi mqabbel l-ammont tad-droga li nstab fuq l-appellant ma' l-ammont li wieħed raġonevolment huwa mistenni jikkonsma, din il-Qorti tikkunsidra li l-ammont ta' pilloli li kellu fil-pussess tiegħu l-appellant ma setgħux ikunu għal użu personali tiegħu.

<u>Il-Kontinwita' ta' Evidenza – Fejn u kif inżammet is-sustanza ma kienx konformi mal-liġi</u>:
Illi hawnhekk l-appellant jilmenta dwar il-kontinwita' tal-prova u jgħid li fejn u kif nżammet is-sustanza ma kienx konformi mal-liġi. Huwa jagħmel riferenza għal Artikolu 669(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jgħid li minħabba li d-dettami tal-liġi ma ġewx osservati din tagħti lok għall-difett proċedurali. Jispjega li minflok għand id-Direttur tas-Saħħa nżammet fil-kustodja tar-Reġistratur tal-Qrati kif jirriżulta mill-atti proċesswali. Jispjega li x-Xjenzat Godwin Sant ġabar id-droga mingħand id-Deputat Reġistratur Andre Azzopardi.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-6 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Victor Buttigieg** (Numru 239/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "F'dan il-gravam ġdid sottopost għal ġudizzju tal-Qorti, l-appellant jilmenta dwar l-allegat ksur ta' dak dispost fl-Avviz Legali numru 121 tal-2002, u dana għaliex jikkontendi li r-Reġistratur tal-Qorti ma ottemperax ruħu mad-disposizzjonijiet tal-istess meta d-droga eżebita in atti ma ġietx ikkustodita fil-post indikat fl-imsemmi Avviż Legali.
>
> Illi l-Avviż Legali 121 ta' l-2002, jiddisponi illi bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 669 tal-Kodiċi Kriminali, ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali nnomina lid-Direttur tas-Saħħa sabiex iżomm, f'ismu, mediċinali perikolużi. L-appellant jisħaq li dan ma sarx u li għalhekk kien hemm ksur ta' dan l-Avviż Legali u li minħabba f'hekk, id-droga eżebita għandha tiġi mwarrba mill-atti, billi hemm ksur fil-katina tal-evidenza.
>
> Illi, mit-testimonjanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, jirriżulta li d-droga eżebita fil-każ *de quo*, bin-numru SB 174/2004, hija miżmuma fl-i*strong room* tal-Qorti u jindika li ilha tinżamm hemmhekk sa mill-14 ta' Frar 2004. Huwa jikkonferma ukoll li tali eżebit qatt ma ngħata lid-Direttur tas-Saħħa, b'din il-kariga ma teżistiex llum.
>
> Illi l-artikolu 667 tal-Kodiċi Kriminali iqiegħed fuq l-ispalla tar-Reġistratur tal-Qorti Kriminali r-responsabbilita' li jżomm fil-kustodja tiegħu l-oġġetti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri kriminali. Illi, mbagħad, l-Artikolu 669 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jagħti s-setgħa lir-Reġistratur tal-Qorti

jikkustodixxi l-oġġetti kollha li jiġu eżebiti fil-qorti, jaqra hekk: -

> **(1) Ir-reġistratur għandu jiżgura li l-oġġetti kollha lilu kkunsinnati għandhom jiġu katalogati, maħżuna u preservati sew kif ukoll miżmuma f'post sigur li jiġi stabbilit mir-reġistratur.**
>
> **(2) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, ir-reġistratur <u>jista'</u>, bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, jaħtar lil persuni oħra biex iżommu dawk l-oġġett jew klassijiet ta' oġġetti f'ismu taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru jista' jqis li jkun sew iżda l-ismijiet ta' dawk il-persuni għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta. (<u>sottolinear tal-Qorti</u>).**

Illi, mid-diċitura tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 669 tal-Kodiċi Kriminali, senjatament mill-kelma *"jista'"*, jirriżulta biċ-ċar li l-leġislatur kien qiegħed jagħti lir-Reġistratur tal-Qrati d-diskrezzjoni sabiex jaħtar persuna oħra biex iżomm oġġetti f'ismu. Li kieku l-leġislatur kien qed jimponi fuq ir-Reġistratur obbligu sabiex huwa jgħaddi ċerti oġġetti lill-entita' terza, ċertament li s-setgħa ma kienitx tkun waħda fakoltattiva iżda tassattiva."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak li għadu kemm ġie appena ċitat u għalhekk l-argument dwar il-kontinwita' ta' evidenza hekk kif imressaq mill-appellant fl-aggravju in eżami jisthoqqlu jiġi miċħud.

<u>Analizzar tal-allegata droga ġewwa laboratorju mhux akkreditat</u>:
Illi f'dan l-argument l-appellant jargumenta dwar il-fatt li d-droga in kwistjoni ġiet analizzata f'laboratorju mhux akkredidat. Jgħid li dan huwa ta' periklu kbir għalih peress li l-analiżi tas-sustanza

speċjalment fil-każ odjern għandu jkun garantit li r-riżultat ikun ċert u verifikabbli. Ikompli li l-konklużjonijiet tal-farmaċista hija fattur determinati stante kollox idur madwar il-konklużjonijiet tiegħu. Jispjega li n-nuqqas ta' akkreditar kemm tal-farmaċista kif ukoll tal-laboratorju ma jwassalx għal serħan il-moħħ u jilledu d-drittijiet fundamentali tiegħu peress li ma humiex konformi mal-liġi Ewropea.

Illi rigward il-bżonn ta' laboratorju akkreditat sabiex jagħmel it-testijiet sabiex jiddetermina jekk sustanza li tista' tinstab hijiex waħda projbita taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Theresa Agius** (Numru 524/2013) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-Artikolu 3 tal-Liġi Sussidjarja 460.31 jispeċifika b'mod ċar l-għan wara l-Liġi Sussidjarja:–
>
> > **"Dan l-Ordni jimplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-Akkreditament tal-Fornituri ta' Servizzi Forensiċi li jwettqu Attivitajiet tal-Laboratorji u għandu japplika għal attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi:**
> >
> > **(a) profil tad-DNA; u**
> >
> > **(b) data dattiloskopika**".
>
> Illi, l-istess Liġi Sussidjarja, kif intqal aktar 'il fuq ġiet trasposta mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill Ewropew fuq imsemmija, fejn l-oġġettivi ta' l-istess jistabbilixxu li dan il-qafas regolatorju għandu jkopri unikament ***"DNA profiles and dactyloscopic data"*** **għaliex l-istess** ***"are not only used in criminal proceedings but are also crucial for the identification of victims, particularly after disasters".*** Dan għaliex ***(8) Pursuant to Article 7(4)***

***of Council Decision 2008/616/JHA of 23 June 2008 on the implementation of Decision 2008/615/JHA on the stepping up of crossborder cooperation, particularly in combating terrorism and cross-border crime, Member States shall take the necessary measures to guarantee the integrity of DNA profiles made available or sent for comparison to other Member States and to ensure that these measures comply with international standards, such as EN ISO/IEC 17025 'General requirements for the competence of testing and calibration laboratories' (hereinafter 'EN ISO/IEC 17025').*** Jikkonsegwi għalhekk li l-akkreditar huwa meħtieġ biss għat-teħid tal-impronti tas-swaba' u l-elevazzjoni tat-traċċi ta' DNA u xejn aktar.

Illi huwa minnu ukoll li b'referenza għall-istandards EN ISO/IEC 17025, l-Artikolu 4 tal-LS 460.31 jistipola li –

> **"L-għan ta' dan l-Ordni huwa sabiex:**
>
> **(a) jiġi żgurat li r-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqa minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet Maltin responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bħala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi domestiċi akkreditati għall-ENISO/IEC 17025;**
>
> **(b) li jiġi żgurat li fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji f'Malta jiġu akkreditati b'konformita' mal-EN ISO/IEC 17025".**

Illi din l-Qorti tisħaq li dan kollu għandu jittieħed fil-kuntest tal-Qafas u ta' dak li speċifikament l-istess qed jirregola. Di fatti l-Qafas jispjega li:–

> **"That objective is to be achieved by preventing and combating crime through closer cooperation between law enforcement authorities in the Member States, while respecting the principles and rules relating to human rights, fundamental freedoms and the rule of law on which the Union is founded and which are common to the Member States."**

Dan ifisser illi l-għan wara d-Deċiżjoni Kwadru huwa illi jkun hemm ko-operazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalita' u dan billi fl-iskambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet kriminali, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jipprevjenu, jikxfu u jinvestigaw b'suċċess attivitajiet kriminali bil-ħtieġa allura li jkunu stabbiliti *standards* komuni għal forrnituri ta' servizzi forensiċi. Mhuwiex l-għan wara din il-liġi illi tistabbilixxi regoli ġodda dwar l-ammissibbilta' ta' evidenza jew il-valur probatorju ta' l-istess kif speċifikat fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas innifisha fejn jingħad ċar u tond illi: **"Din id-Deċiżjoni Qafas ma taffettwax ir-regoli nazzjonali dwar il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza"**, bil-Preambolu 16 jispeċifika fl-għanijiet tad-Deċiżjoni Kwadru illi:

> *This Framework Decision does not aim to harmonise national rules regarding the judicial assessment of forensic evidence.*

Illi għaldaqstant huwa ormai palezi li din il-liġi tapplika esklussivament għall-attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika u mhux analiżi ta' droga, u dan kif imfisser fir-Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31, aktar - il fuq iċċitat. *In oltre*, l-għan wara l-liġi hija li jkun hemm *standards* fir-rigward tal-attivita' fil-laboratorji forensiċi

fl-Istati Membri li jkunu uniformi u mhux li b'xi mod ikun hemm indħil fil-mod kif l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' kull Stat Membru jivvalutaw ġudizzjarjament l-evidenza. Kwindi ma għandux ifisser illi għaliex l-analiżi forensika tad-droga ma tkunx saret f'laboratorju awtomatikament dik l-analiżi hija nieqsa minn valur probatorju jew hija difettuża, kwistjoni li trid tiġi determinata biss mill-evidenza u mhux għaliex il-laboratorju ma jkunx wieħed akkreditat."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq appena ċitat bħala konsegwenza ta' liema l-argument mressaq mill-appellant fir-rigward tal-laboratorju mhux akkredidat qed jiġi mwarrab.

L-Applikabilita' tal-Artikolu 8 tal-Att Dwar Dipendenza Fuq Id-Droga (Trattament Mhux Priġunerija) (Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta):
Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant irriserva d-dritt li jitlob lil din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. Din il-Qorti tinnota li permezz ta' Rikors ippreżentat fit-13 ta' Frar 2023 (*a fol.* 129) l-appellant ressaq din it-talba, liema talba ġiet milqugħa fis-6 ta' Lulju 2023 (*a fol.* 171 *et seq.*).

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-ewwel aggravju u l-argumenti fih mressqa jsegwi li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant allura imputat b'dana illi l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu, li l-appellant jgħid li ġie mressaq mingħajr preġudizzju għal dak li ngħad fl-ewwel aggravju, l-appellant jilmenta dwar il-piena erogata fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti li huwa jiddeskrivi bħala waħda eċċessiva. Jispjega x'wasslu jagħmel użu mid-droga u jargumenta li l-piena ma għandhiex tintuża bħala forma ta' tpattija. Jgħid li l-element ta'

deterrent applikat mill-Ewwel Qorti kien eċċessiv speċjalment tenut kont tat-tendenza li tingħata importanza lill-element riformattiv. Ikompli li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li kellu fedina penali nadifa u li huwa qatt ma xellef difrejgħ mal-liġi.

Illi dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tinnota li, wara li ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell tal-appellant f'dawn il-proċeduri, l-appellant talab li *ai termini* ta' Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga (*a fol.* 129), liema talba ġiet milqugħa wara li nstemgħu xhieda fir-rigward tat-talba msemmija (*a fol.* 171 *et seq.*) u fejn il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti kif preseduta li kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant u fejn għalaq il-każ tiegħu b'suċċess (*a fol.* 187, 188, 190 u 192). Dan kollu ser jittieħed in konsiderazzjoni fir-rigward tal-aggravju in eżami.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dennis Cremona** (Numru 151/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, it-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala l-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġialadarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad."

Illi wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti:

- in-natura tar-reat addebitat fil-konfront tal-appellant li ġie ppruvat;

- il-fedina penali tal-appellant li hija waħda kompletament nadifa;

- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant jirrisalu għas-sena 2014 u għat-trapass ta' żmien li ħadu l-proċeduri odjerni sabiex jiġu konklużi llum;

- dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti mill-Uffiċjal tal-*Probation* Larisa-Mirela Bonello (*a fol.* 56a *et seq.*) u dak li jirriżulta mis-*Social Inquiry Report* (*a fol.* 61 *et seq.*) redatt minnha fil-konfront tal-appellant;

- dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija quddiem din il-Qorti minn Dr. Roberta Holland (*a fol.* 139 *et seq.*) u mir-rapport tagħha (Dok. "RH 1" – *a fol.* 146 *et seq.*) redatt minnha fil-konfront tal-appellant fejn ingħad, fost l-oħrajn, is-segwenti (*a fol.* 154):

  *"Rigward bżonnijiet u trattament, ma jinħassx il-bżonn ta' interventi intensivi, strutturati jew f'ambjent kontrollat rigward droga. Ikun ta' benefiċċju jekk filwaqt li jibqa' għaddej b'ħajtu kif inhi illum il-ġurnata, l-appellant ikun sorveljat għal xi żmien sabiex wieħed jassigura ruħu li huwa jibqa' astinenti minn kull tip ta' sustanza illeċita. Minn aspett ta' stil ta' ħajja, jinħass biss il-bżonn li l-appellant ikun gwidat u mogħti s-sapport neċessarju sabiex jibqa' fuq it-triq it-tajba u jkompli jagħmel l-aħjar għażliet. Minn aspett psikoloġiku, u dak ta' aspetti ta' karattru jew tendenzi tal-personalita', l-appellant jibbenefika minn interventi immirati lejn xi diffikultajiet li jippreżenta inkluż l-ansjeta' li jbati minnha. Tali interventi, li jistgħu isiru f'forma ta' sessjonijiet ta' terapija psikoloġika, mistennija wkoll jgħinuh jitgħallem jikkomunika l-emozzjonijiet u ħsibijiet, u jiftaħ qalbu, filwaqt li joffru opportunita' sabiex jindirizzahom, itejjeb lilu nnifsu, u jtejjeb il-kwalita' tal-ħajja tiegħu, inkluż minn aspett ta' saħħa mentali. Huwa mistenni li l-appellant jikkoopera ma' kull trattament meħtieġ jew kundizzjoni li tkun imposta fuqu mingħajr reżistenza jew diffikulta'"*;

- dak li jiriżulta mid-depożizzjoni mogħtija quddiem din il-Qorti mill-Uffiċjal tal-*Probation* Odelsie Vella Bayliss (*a fol.* 158 *et seq.*) u mis-*Social Inquiry Report* (Dok. "OVB 1" – *a fol.* 160 *et seq.*) redatt minnha fil-konfront tal-appellant;

- il-fatt illi jirriżulta li l-unika kawża li l-appellant għandu pendenti quddiem il-Qorti hija dik odjerna (*a fol.* 193);

- il-fatt li jirriżulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti li kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant fejn huwa għalaq il-każ tiegħu b'suċċess.

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq u tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant huwa kandidat idoneu sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami ta' Artikoli 8(7) u 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll il-proviso ta' Artikolu 8(7) tal-Kapitolu msemmi b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet illi r-reat li dwaru l-appellant ġie misjub ħati kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, din il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija.

Illi, għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, din il-Qorti ser tilqa' l-aggravju in eżami fir-rigward tal-perjodu ta' priġunerija fis-sens li din il-Qorti ser tbiddel il-piena ta' sena priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti għal waħda li tqies hija aktar idonea għalih.

Illi l-andament pożittiv dwar l-appellant jirriżulta mill-fatt li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti li kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant tant li kkunsidra l-każ tiegħu bħala magħluq b'suċċess. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti jidhrilha li għandha tagħti l-aħħar ċans

lill-appellant sabiex ikompli jimxi fit-triq it-tajba li jidher li mixi fiha.

Illi l-appellant qed jingħata din l-opportunita' tad-deheb sabiex jevita li jiġi mibgħut jiskonta piena fil-ħabs b'dan illi huwa għandu jagħmel dak kollu neċessarju sabiex jevita li jiġi mibgħut il-ħabs.

Illi dwar il-multa ta' elf Euro (€1,000) li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant iħallas, din il-Qorti tinnota li din il-multa taqa' fil-parametri ta' dak li l-Qorti msemmija setgħet timponi u din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tnaqqasha.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Nathan Agius u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni u li minnhom ġie liberat;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' elf Euro (€1000) b'dan illi b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50) fix-xahar u f'każ li l-ħlas ikun ħa jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar millum u f'każ li l-appellant jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġiet ordnata d-distruzzjoni tad-droga eżebita;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat sena priġunerija u minflok wara li rat Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta billi hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi piena ta' priġunerija ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, a tenur ta' Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-appellant Nathan Agius taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' sentejn mil-lum (liema ordni huwa soġġett għall-kondizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza) u dana minħabba li huwa jeħtieġ l-għajnuna u jrid jieħu dik l-għajnuna kollha li tkun indikata lilu mill-Uffiċjal tal-*Probation* li ser jiġi nkarigat biex isegwih bħala ta' utilita' għalih biex ma jerġax jaqa' fil-vizzju tad-droga.

*Ai termini* ta' Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti fissret lill-appellant Agius bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' *Probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' *Probation,* jista' jingħata sentenza għar-reat li tiegħu huwa nstab ħati.

*Ai termini* ta' Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' *Probation* mogħti b'digriet tallum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* sabiex jassenja uffiċjal tal-*probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' l-appellant Nathan Agius.

Finalment, b'applikazzjoni ta' Artikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna illi r-reat li l-appellant nstab ħati tiegħu f'dawn il-proċeduri m'għandux jittieħed in

konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**